MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-30 ta' Lulju, 2015

Numru. 124/2009

**Il-Pulizija**

**(Spettur Carlos Cordina)**

**vs**

**PIERRE PETER ABELA**

**(ID: 41560M)**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **PIERRE PETER ABELA** detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 041560(M) gie mressaq quddiemha u akkuzat talli gewwa Zurrieq bejn id-29 ta' Ottubru 2000 u d-29 ta' Ottubru 2005, bhala il-propjetarju jew amministratur responsabbli jew konsumatur tal-fond u cioe' Villa Maria Reception Hall' ta' Manglin Hal-Far L/O Zurrieq, b'mezzi qarrieqa li bihom jista' jwaqqaf jew ibiddel il-kejl, tal-kwantita' mehuda jew ikkunsmata fil-fond hawn fuq imsemmi u b'hekk ikkommetta serq ta' dawl elettriku ta' sebat elef erba' mija w sitta w hamsin Ewro u zewg centezmi (€7,456.02) ghad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-hin u bil-valur.

Rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom estratt mill-att tat-twelid tal-imputat a fol. 12 u fedina penali tal-imputat a fol 13 et seq.

Rat illi din il-kawza giet assenjata temporanjament lil din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita b'digriet ta' Assenjazzjoni tal-Prim' Imhallef datat 21 ta' April 2014 u b'mod permanenti b'digriet tal-20 ta' Novembru 2014.

**Robert Bugeja** xehed fil-25 ta' Mejju, 2010 fejn esebixxa nota tal-Avukat Generali, flimkien ma' nota tal-Kummissarju tal-Pulizija u

Proces Verbal redatt mill-Magistrat Dr. Antonio Mizzi dwar inkjesta fuq *meter* tad-dawl imbaghbas fil-fond Villa Maria ta' Magrin, Zurrieq. In-nota tal-Avukat Generali flimkien man-nota tal-Kummissarju tal-Pulizija u l-imsemmi Proces Verbal, gew esebiti u mmarkati bhala dok RB1.

**Spettur Carlos Cordina** xehed fil-25 ta' Mejju, 2010 fejn stqarr li permezz ta' kwerela fl-10 ta' Settembru, 2008 gie nfurmat b'kaz ta'serq ta' elettriku mill-fond Villa Maria Reception, gewwa Hal-Far limiti taz-Zurrieq f'kaz li gara fl-2005.

Jghid li minn ricerka li ghamel dwar il-kaz sar jaf li fid-19 ta' Ottubru 2005, ghall-habta tal-hdax ta' filghodu il-Pulizija tad-Distrett kienu rcevew rapport minn certu Mario Cassar, rapprezentant tal-Kumpanija Enemalta, fil-kapacita' tieghu ta' *Senior District Meter phase man* tal-Enemalta stess, li fuq spezzjoni ta' sorpriza, li saret gewwa l-Fond Villa Maria ta' Manglin, limiti taz-Zurrieq kien sab xi difett, cioe' sab *meter* tal-elettriku li allegatament kien imbaghbas. Huwa zied jghid, li wiehed mill-*phase* tal-elettriku bis-*serial number* 244169531 li kellu *reading* 196830 u li kellu s-sigill blu bil-bazi tieghu *covered* u *tampered* li minnha seta' kien hemm il-possibilita' ta telf ta' elettriku ta' tlieta w tletin fil-mija (33%).

Ghaldaqstant, l-Ispettur inkarigat dak iz-zmien, cioe' l-Ispettur Walter Spiteri li kien qed jiehu hsieb iz-Zurrieq, informa lil Magistrat Tonio

Mizzi fejn hatar lil Mr. Philip Zammit bhala espert tal-Qorti. Ix-xhud ipprezenta dokument bhala kwerela mmarkat CP 3 li giet datata fl-10 ta' Settembru 2008 u mibghuta lilu biex jiehu passi fil-Qorti.

**WPS 40 Isabella Camilleri** xehdet fil-25 ta'Mejju, 2010 fejn qalet li kienet dahhlet okkorenza fuq dan il-kaz u kienet f'pozizzjoni tipprezenta tali okkorenza, li fil-gatt giet esebita u mmarkata bhala dok WEC 1 u qalet illi din l-okkorenza hija ffirmata minnha. Tghid li fid-29 ta' Ottubru, 2005 ghall-habta tal-hdax ta' filghodu, hija kient xoghol gewwa l-Ghassa taz-Zurrieq u kien marru l-ghassa Mario Cassar u Robert Busuttil, it-tnejn *Senior Disrtibution Tradesman* mal-Korporazzjoni Enemalta. Kellhom maghhom lil PC 375 u dawn rrapurtaw li huma kienu ghamlu *surpise inspection* gewwa l-fond 'Villa Maria', ta' Magrin Hal-Far, limiti taz-Zurrieq u hemmhekk kienu sabu l-*meter* tad-dawl imbghabas.

Dawn irrapurtaw li l-*meter* tad-dawl kien tal-ghamla Iscra *three phase forty amps* bin-numru tas-serje 24169531 li l-ahhar qari tieghu kien 196830. Huma kienu sabu s-sigill blu li jkun mal-*base cover* fuq l-imsemmi *meter* imbaghbas, u sabu wkoll is-*shant* imbghabas. Dan ukoll ikun mal-*base cover* tal-istess *meter*.

Tghid li dawna ziedu jghidu li minn dak li sabu jista' jkun hemm telf ta' konsum ta' 33 fil-mija. Ix-xhud qalet li mbghad infurmat lill-Ispettur Walter Spiteri li kien informa lill-Magistrat tal-Ghassa ta' dakinhar, il-

Magistrat Dr. Antonio Mizzi. Giet ordnata inkjesta u gie mahtur bhala espert Philip Zammit.

**PC 375 Michael Dalli** xehed fil-25 ta' Mejju, 2010 fejn stqarr li fid-29 ta' Ottubru, 2005 kien qieghed fuq *extra duty* mal-Enemalta, u dana rigwardanti *inspections* tal-*meter* tad-dawl, u marru gewwa 'Villa Maria,' ta' Manglin Hal-Far, limiti taz-Zurrieq. Hemmhekk saret spezzjoni min-naha tal-Enemalta fuq l-arlogg tad-dawl, li nstab illi kellu s-sigill il-blu tal-*base cover* maqlugh u x-*shunt* tal-*phase* l-ahmar miftuh.

Ix-xhud tenna li qaghad ghassa hemmhekk sakemm sar rapport mill-ufficjali u qal li lil sid il-post kien qed jaghrfu bhala l-imputat prezenti fl-awla meta kien gie msejjah fuq il-post dak inhar.

Ix-xhud meta mistoqsi mid-Difiza jekk fil-fatt din kinitx bhala *suprise inspection* imma ghaliex l-impjegati tal-Enemalta kellhom imorru jbiddlu l-*meter* fil-fond in kwistjoni wiegeb li x-xoghol tieghu huwa li jkun mal-impjegati tal-Enemalta ghall-fini tal-bon ordni. Gieli kien hemm kazijiet fejn marru jaghmlu spezzjoni u ohrajn ta' bdil ta' meters, u hu kien ikun hemmhekk biex jassisti ghall-bon ordni. Ix-xhud kompla jghid li kien presenta gewwa l-Villa meta kienet qed issir l-ispezzjoni tal-*meter* gewwa l-imsemmi fond.

Ix-xhud stqarr li meta l-Impjegati tal-Enemalta kienu qeghdin jaghmlu l-ispezzjoni fuq il-*meter* u kien kien qed jigi miftuh il-*meter* u ssir l-ispezzjoni, hu kien qieghed hdejhom prezenti. Kompla jghid li minghalih l-imputat kien qieghed prezenti waqt li kienet qieghda ssir l-ispezzjoni, u l-ispezzjoni saret quddiemu, pero' ma jiftakarx fic-cert. Meta gie mistoqsi mid-difiza jekk jiftakarx li meta kienu marru fuq il-post kien laqaghhom l-imputat u peress li kienu sejrin jibdlu l-*meters,* tal-Enemalta staqsewh jekk kellux x'imkien mixghul u meta l-imputat wiegeb li kellu l-*computer* mixghul*,* tal-Enemalta qalulu biex imur jitfih, ix-xhud qal li dan id-diskors ma jiftakrux, pero' ma jeskludix li sar.

Lanqas ma ftakar li l-imputat kien telaq, u l-impjegat tal-Enemalta sejjahlu lura w qallu li kienu sabu comba nieqsa.

**Mario Cassar xehed** fil-25 ta' Mejju, 2010 fejn qal li nqratlu t-traskrizzjoni tas-deposizzjoni moghtija minnu fis-seduta tad-29 ta' Ottubru, 2005 quddiem l-espert Philip Zammit nominat fl-inkjesta. Ikkonferma illi din it-traskrizzjoni tinsab minn fol. 25 sa fol. 27 tal-Proces Verbal li jinsab esebit fl-atti ta' dina l-kawza bhala dok RB 1. Ix-xhud jikkonferma l-kontenut kollu ta' dina t-transkrizzjoni tieghu u li waqt dina l-ispezzjoni kienu prezenti hu, Robert Busuttil u PC 375. Jghid li kien prezenti wkoll Pierre Peter Abela li gharfu bhala l-imputat prezenti fl-awla. Ix-xhud stqarr li kienu marru fil-fond in kwistjoni biex jiccekjaw l-arlogg tad-dawl, sabuh li ma kienx qieghed sew u

mbghad wara li gie l-perit tekniku nominat mill-Magistrat Inkwirenti huma kienu biddluh. Sostna li kienu marru fuq il-post bhala *surprise inspection.*

In kontro-ezami sostna li meta marru f' dan il-fond hadu maghhom *meter* u li hija haga normali li meta jmorru f'xi fond maghhom jiehdu *meter* u l-ghodda, pero' insista li dakinhar kienu marru hemmhekk bhala *surprise inspection*. Spjega li peress li meta jaghmlu *susrprise inspection* huma jkunu jridu jaqilghu certu affarijiet mill-*meter*, kemm jekk l-ispezzjoni tkun negattiva jew inkella pozittiva, l-*meter* dejjem jibdluh ghax huma jkunu qatghulu s-sigilli biex ghamlu l-ispezzjoni.

Meta mistoqsi jekk kull darba li jaghmlu *surprise inspection* jibdlux il-*meters,* ix-xhud wiegeb li min-naha tieghu dejjem hekk jaghmel pero' jekk haddiehor jahdimx differenti ma jafx. Ix-xhud stqarr li jaghmilha regola illi kull darba li tkun saret spezzjoni ta' *meter,* dan imbghad jinbidel.

Meta mistoqsi jekk jafx li kien hemm hafna korrispondenza biex il-*meter* fil-fond in kwistjoni jinbidel, qal li dwar dan ma jafx.

**Philip Zammit** xehed fl-24 ta' Jannar, 2011 fejn gie muri r-relazzjoni tieghu li tinsab esebita fl-atti tal-Process Verbali redatt mill-Magistrat Inkwirenti Dr. Antonio Mizzi rigwardanti nkjesta dwar meter tad-dawl

imbaghbas fil-fond Villa Maria, Ta’ Mengli, Zurrieq, liema Proces Verbal huwa esebit fl-atti ta’ din il-kawza bhala dok RB 1. Huwa kkonferma l-kontenut tar-relazzjoni tieghu u qal illi m’ghandux xi jzid jew inaqqas fiha w li qeda l-inkarigu moghti lilu mill-Magistrat Inwerenti onestament u fedelment.

Ix-xhud stqarr illi s-sigilli kollha tal-*meter* rigwardanti dan il-kaz kienu fil-post, zied pero’ li s-sigill tat-*terminal cover* tal-*meter* kien mbaghbas fis-sens illi kien gie miftuh u rega’ gie maghluq u l-gargi tieghu ikunu spiccaw. Ix-xhud qal in konnessjoni mal-kaz odjern, rigwardanti fejn kien hemm is-sigill maqtugh u mbaghbas, li bhala passi normali jekk is-sigill l-iehor li jkun hemm ma jkunx gie maqtugh jew inkella jekk ma jinqatax is-sigill wiehed ikun ipprova jholl il-vit, normalment il-*cover* ma jinqalaqx.

Ix-xhud jghid li l-fehma tieghu hi li jekk wiehed jaqta’ sigill wiehed u l-iehor ma jmissux, wiehed jista’ jilleva l-*cover* min-naha ta’ fejn ikun gie maqtugh is-sigill u jista’ jaghti k-kaz li jilhaq ix-*shunt* fejn ikun gie miftuh dan il-*meter* u allura jkun hemm tbghabis.

Gie ssugerit mill-avukat difensur illi stante l-*meter* li jirrigwardja dan il-kaz huwa *meter* antik, wiehed ikun irid jaqlgha l-*cover* kollu biex ikun jista’ jaghmel tbghabis. Ix-xhud stqarr li dwar dan ma jaqbilx u kompla jghid li dwar dan li ghadu kif spjega kif wiehed jista’ jbaghbas dan il-meter, spjega aktar qabel f’din id-depozizzjoni.

Ix-xhud qal illi mir-relazzjoni tieghu m'hemm l-ebda ndikazzjoni, skond dak li hu kkonstata, li dan kien hemm xi tentattiv biex dan il-vit jinfetah u zied illi kieku l-vit kellu marki jew grif, hu kien inizzel fir-relazzjoni. Jghid li l-vit intern tax-*shunt link* kien mahlul u spjega wkoll li peress li dan il-*meter* dan huwa *three phase* allura l-viti tax-*shunt link* huma tlieta u qal li hemm tliet viti ghal tliet *shunt links*.

Fuq domanda li saritlu mid-difiza, f' kaz illi vit ikun issikkat sew kif ghandu jkun, vit ma jinhallx bil-*power service* pero' jekk vit ma jkunx issikkat sew jista' jaghti l-kaz li dan jinhall wahdu fis-sens li dan jibda jillaxka daqsxejn. Jghid pero' li biex meter jibqa' jimmarka s-*supply* xorta tibqa' ghaddejja u li jrid huwa li jitnehha x-*shunt link*.

Ix-xhud stqarr li ma jfissirx illi jekk kemm-il darba jillaxka daqsxejn il-vit, ma jibqax jimmarka, pero' jista' jaghti l-kaz li jekk il-vit jibda jillaxka, l-immarkar jibda jillaxka daqsxejn u jibda jimmissja. Konsegwenza ta' dan fejn ikun hemm il-vit laxk u jigri dak li spjega, jkun hemm sinjal ta' hruq madwar il-vit u madwar ix-*shunt link*. Stqarr li f'dan il-kaz fejn kien hemm il-vit mahlul ma kienx hemm hruq madwar dan il-vit u x-s*hunt link* ma kinitx postha.

Qal li l-*power search* m'ghandux sahha biex icaqlaq *link* u xi haga trid tkun caqalqet ix-*shunt link.* Qal ukoll li b'daqqa fuq il-*meter* ix-*shunt*

*link* tista' ticcaqlaq kemm-il darba tkun mahlula. Spjega li hija haga difficli li wiehed jillieva l-*cover* jew jigbidha jew jilhaq ix-*shunt* pero' m'hemmx il-htiega li wiehed jilleva l-*cover* ghax wiehed jista' wkoll jigbed b'idu. Pero' rega' huwa difficli hafna li wiehed jilhaq ix-*shunt link*.

Ix-xhud stqarr illi ma jeskludix li x-*shunt link* meta gie nstallat fil-post fil-bidu tal-installar, kien *loose*. Kompla jghid li dawn jigu mwahhlin mill-bniedem u kulhadd jista' jiehu xi zball u inoltre zied li x-*shunt link* tista' ticcaqlaq b'daqqa fuq il-kaxxa jekk il-vit ikun mahlul. Ix-xhud kompla billi kkonferma li t-*terminal cover* tal-kaxxa huwa fragli u facilment jinkiser meta wiehed ikun qieghed jigbed il-*cover* min-naha ghal ohra fejn is-sigill ikun intatt fis-sens illi l-*cover* jinkiser fuq in-naha fejn ikun hemm is-sigill intatt.

**Robert Busuttil** xehed fil-5 ta' Lulju, 2012 fejn qal li jahdem bhala *Distribution Tradesman* fil-*meter section* tal-Enemalta. Qal li kienu ghamlu

r*outine surprise inspection* u hu kien qieghed jassisti lil Mario Cassar, u marru fil-fond imsemmi biex jaghmlu *inspection* fuq *meter* tad-dawl. Jghid li mal-ewwel *inspection* raw li kien hemm sigill mhux intatt, infetah u rega' nghalaq, u mal-ewwel suspetti taghhom fil-prezenza tad-direttur, talbuh li jispezzjonaw il-*meter*.

Meta gie mistoqsi jekk sabx xi haga li mhux normali x-xhud wiegeb fl-affermattiv u cioe' sabu s-sigill fuq il-*base cover* tal-*meter* tan-naha tal-lemin meta thares lejh, fuq il-*left hand side* tal-*meter*, li ma kienx intatt, kien jidher li nfetah u rega' nghalaq. Meta raw hekk, iccekkjaw is-*service box* minn taht biex jaraw jekk dak li qed jahsbu hux minnu. Dan sar fil-prezenza tad-direttur u tal-pulizija. Hawnhekk irrizultalhom li ghalkemm kien ghaddej il-konsum, il-*meter* ma kienx qed idur bil-load tar-*red phas*e. Ghalhekk ghamlu rapport l-ghassa u sussegwentement fethu kollox fil-prezenza tal-espert tekniku. Spjega li f'dawn il-kazijiet ikun hemm konsum li ma jigi registrat mill-*meter*.

Ix-xhud kompla jispjega li kienu sabu s-sigill il-blu mhux intatt, cioe' kien infetah u rega' inghalaq u inoltre meta fethu l-*base cover* fil-prezenza tal-perit tal-Qorti sabu li x-*shunt mechanism* li huwa appartat tal-*meter*, dak tar-*red phase, miftuh*. Kompla billi qal li normali jkun maghluq u fil-fatt il-mechanism tal -*yellow* u tal-*blue phase* kienu maghluqin*.*

Ix-xhud gie mistoqsi jispjega kif jahdem il-*meter* tat-*three phase,* pero' qabel ta din l-ispjegazzjoni xtaq jghid li qabel ma nfetah il-meter huma ffotografaw kollox. Imbaghad spjega li arlogg tat-*three phase* ikun mqabbad fuq *three phases,* ghall-kuntrarju tas-*single phase* li jkun fuq *phase* wiehed. Jigifieri normalment ghal *meter* tat-*three phase* jinqara l-*load* li jkun jintuza fuq it-*three phases.* Sostna li huma ghamlu process biex lanqas imissu s-sigill tal-*base cover* tal-*meter*.

Hallew il-*load* mixghul, bdew jiccekkjaw x'*load* kien hemm dak il-hin, li sa fejn jaf hu kienet xi *ten* (10) amps fuq kull *phase*. Qal ukoll li l-*blue* u l-*yellow phases* b'*ten* (10) amps bdew iduru pero' r-*red phase* li kellu parti minnu miftuha ma bdietx iddurlu d-diska, jigifieri l-*meter* ma jkunx qed jaqra l-konsum uzat.

Ix-shud sostna li meta fethu quddiem l-imputat u quddiem il-perit tal-Qorti sabu li dak li kienu qed jahsbu, cioe' li l-*meter* kien imbaghbas ghax mhux normali li jkollok *load* u d-diska ma ddurx. Iccekkjaw id-diska fuq kull *phase*, u jghid li din kellha ddur l-istess fuq il-*phase* li kellu x-*shunt* miftuh.

Spjega li biex is-sigilli jkunu mkissra, jsahhnuhom, jifthuhom u jergghu jaghlquhom, pero' huma xogholhom hu li jindunaw mill-ewwel. Jghid li f'dan il-kaz is-sigill ma kienx imkisser pero' huma jindunaw li xi darba jkun issahhan, infetah u regha inghalaq. Qal li huma jfaqqghu is-sigilli b'tali mod li ma jkollomx marki li nfethu, pero' meta huma jaqilghu sigill jirriplejsjawh b' wiehed gdid. Insista li la darba sigill jinqata' jsir iehor gdid u dejjem wiehed gdid.

**Robert Busuttil** rega' xehed in kontro-ezami fil-15 ta' Lulju, 2014 u kkonferma li dakinhar li saret l-inspection fil-Villa Marija, hu kien fil-prezenza ta' Mario Cassar bhala *fitter* fejn tenna li kien dahal fil-*premises* in kwistjoni flimkien mal-istess Mario Cassar, u jekk mhux sejjer zball maghhom kien hemm ukoll pulizija. Qal li r-rapport li

pprezentaw, kien kitbu Mario Cassar pero' ffirmawh Mario Cassar u hu flimkien.

Ix-xhud kompla jghid li l-procedura taghhom hi li hdejn *meter* jidhlu flimkien. Mistoqsi jekk effettivament kienx dahal Mario Cassar wahdu biex isaqsi ghal sid il-post, wiegeb li mhux cert minn dan, ma jiftakarx. Lanqas ma kienx jaf lil min staqsew ghas-sid, pero' kien zgur li lejn il-*meter* resqu flimkien fil-prezenza tas-sid Pierre Peter Abela.

Meta x-xhud gie mistoqsi jekk setax kien il-kaz li ma kien hemm hadd, izda li tkellmu mill-ewwel ma' Pierre Peter Abela, ma kienx jaf iwiegeb. Jghid li minn dak iz-zmien sal-lum ghaddew disa' (9) snin u min kellem lill- imputat l-ewwel ix-xhud ma jiftakarx. Kompla billi qal li dakinhar Mario Cassar kien qallu biex jitfi xi *applainces*.

Sostna li Mario Cassar huwa bniedem veteran fil-*meter room* mentri dak iz-zmien hu kien ghadu fil-bidu w kien qed jassistih u ghalhekk l-istruzzjonijiet kien qed jaghtihom Mario Cassar. Ix-xhud jghid li sema' lil Cassar jghid lil Abela biex inehhi l-*applainces*. Il-pulizija kienu maghhom *on site* u kienu f'dik il-parti fejn kien hemm il-*meter*.

Meta x-xhud gie mistoqsi fejn kien il-*meter* wiegeb li llum ma jiftakarx. Jaf li ghamlu xi testijiet fuq il-*fuses* u dak il-hin Mario Cassar qal lil Abela illi kellu xi rregolarita' dwar il-*fuses.* Kellhom apparat biex jaraw x'*load* kien hemm u spjega li dan il-*meter* huwa *portable.* Qal li

l-*meter* jinbidel jekk ikun hemm bzonn ta' tibdil wara li jinqala' l-kaz u jmur l-espert tal-Qorti u huma ma jbiddlux il-*meter* dak il-hin stess. Sostna li dakinhar ma kellomx *meter* f'idejhom biex ibidluh.

Ix-xhud gie nfurmat li Mario Cassar fix-xhieda tieghu qal li huwa kien dahal bil-*meter* f'idejh, pero' hu qal li sa fejn jaf hu ma dahlux bil-*meter* f'idejhom.

Mistoqsi jekk effettivament il-Pulizija kienx barra u kien hu jew Mario Cassar li marru jghajtu lil Abela, jghid li llum l-gurntata ma jiftakarx.

In ri-ezami x-xhud qal li llum il-gurnata jokkupa l-kariga ta' *Senior Distribution Tradesman* u li llum ghadhom juzaw l-istess procedura li wzaw disa' (9) snin ilu w li fil-fatt bhala teknici jkunu huma biss.

Spjega li l-ewwel ma jaghmlu solitament huwa li jsaqsu ghas-sid jew min ikun responsabbli tal-fond. Sussegwentament jersqu lejn il-*meter* u jaghmlu spezzjoni vizwalment tas-sigilli u meta jinnotaw xi irregoliritajiet dwar is-sigilli jigbdu l-attenzjoni ta' sid il-post sabiex ifehmuh il-process x'ser jaghmlu biex jittestjaw il-*meter*. Ix-xhud qal li effettivament dakinhar qabel ma bdew din il-procedura ccekkjaw wkoll il-*fuses*.

Ix-xhud qal li kien dahal go Villa Marija dakinhar ta' l-ispezzjoni, ghalkemm jista' jkun li kien dahal f' xi okkazjoni ta' xi tieg, izda l-*meter* ma kienx jaf fejn hu w lanqas illum ma jaf fejn hu. Jghid li dakinhar fuq il-post kien hemm Pierre Peter Abela li huwa l-imputat odjern.

Ix-xhud qal li ilu jahdem l-Enemalta kwazi ghoxrin sena (20) bhala tekniku. Ix-xhud ma jafx jekk effettivament kienx hemm xi *power surge* qawwija li tajjret l-elettriku w l-*appliances* ta' Villa Maria w li sussegwentament is-sid ta' Villa Maria ghamel xi *claim* fil-konfront tal-Enemalta.

Ix-xhud qal li hu jahdem fil-*meter room* u li c*laim* bhal din taqa'f'sezzjoni ohra ta' l-Enemalta. Spjega li jekk ikun hemm *power surge* fil-*wires* ta' barra ta' bejn l-arbli, din ma taffettwax il-*meters* u li l-mod kif kien *tampered* dan il-*meter* m'ghandux x'jaqsam. Inoltre qal li s-sigill il-blu kien *tampered* u dan ma jigix affettwat mill-*power surge* ta' barra, w spjega li s-sigill kien miftuh, imsahhan u rega' nghalaq, kellu x-*shunt* mahlul u miftuh. Ix-xhud stqarr li meta x-*shunt* *i*kun *loose,* bic-caqliq jaghmel *contact* imma meta jkun miftuh ma jaghmel l-ebda *contact* u ma jirregistra l-ebda konsum ma jigi registrat xejn.

Qal illi f'dan il-kaz ix-*shunt* kien miftuh kompletament tant li ma kien qed jigi registrat l-ebda konsum, u b'dan referenza ghal *phase* l-

ahmar. Il-*fuse* ma kellu l-ebda hsara izda f'dan il-kaz il-hsara kienet fix-*shunt* li ma tigix affettwata jekk ikun hemm *power surge* fuq barra minkejja li jista' jaghti l-kaz li l-*appliances* ta' gewwa jigu affettwati.

Meta kien ri-prodott fil-15 ta' Lulju, 2014 **Robert Busuttil** qal li l-*appliances* kollha li kien hemm jahdmu bi *three* (3) *phase* kellhom parti minnhom u cioe' r-*red phase* taghhom ma kinitx qed topera. Fost ir-*re-consumption* kien hemm l-AC's, wiehed minnhom kien sitta w tletin elf (36,000) BTU's, kien hemm iehor hdax-il elf (11,000) u iehor tnejn u ghoxrin elf (22,000) BTU.

Ix-xhud qal li fil-fatt bhala *units* kien hemm hdax (11) u dawn kollha kellhom *phase* minnhom *red phase* li ma kinitx qed topera u ghalhekk ried ifisser li minn dan il-*heavy consumption* kien hemm terz (1/3) minnu li ma kinex qed jigi registrat. Jghid li huma permezz tal-*clamp meter* ikunu jistghu jaraw ezattamnet x'*loads* kien hemm fuq il-*phases* u ghalhekk waslu biex ghamlu tlieta w tletin fil-mija (33%).

Ix-xhud esebixxa r-rapport tieghu li ghadda lis-superjuri tieghu w li gie mmarkat bhala dokument Z.

**Alan Chetcuti** xehed fil-5 ta' Ottubru, 2012 qal li jahdem l-Enemalta u qieghed fis-sezzjoni tar-*Revenue Protection Section* fis-sezzjoni li relatata ma' kazijiet fejn *meter* jigi rrapurata fi stat imbghabas.

Kienet saret spezzjoni fid-29 ta' Ottubru, 2005 fejn il-*meter* fil-fond Villa Marija, Reception Hall ta' Manglin, Hal-Far kien gie rapurtat illi kellu xi rregolaritajiet fih u l-konsum li jidhol f'dan il-post mhux kollu kien qed jigi registrat fuq dan il-*meter*. Jghid li hadmu stima fejn qabblu l-konsum tal -ahhar hames (5) snin, u raw li l-*meter* kien t*hree phase,* jigifieri kellu nstallazzjoni li tiftah fuq tliet linji u li kien hemm linja minnhom bix-*shunt* miftuh. Spjega li allura dak li jkun qed jigi registrat fuqha ma kienx dak li qed jigi kkunsmat fuqha, jigifieri l-konsum ma kienx qed jgi registrat. Sussegwentement ghamlu *projection* ta' dak it-terz (1/3) telf tal-konsum ghall-perjodu bejn id-29 ta' Ottubru 2005 sa dakinhar tal-*inspection* u l-hames snin precedenti. Qal li peress li huwa kaz antik, ma japplikawx interessi u penali ohrajn.

Spjega li r-relazzjoni hija purament kollha kemm hi konsum u l-isima tammonta ghal sitt elef, tmien mija w sitt Ewro w sitta w tmenin centezmu (€6806.86), minnhom il-konsumatur hallas elf lira Maltin (Lm1000) bhala depositu, li wara li jitnaqqsu bhala pregudizzju jifdal erbat elef, erba' mija sebgha u sebghin Ewro w disgha u erbghin centezmu.

Ikkonferma li dan il-kont jirrigwara l-fond Villa Marija, Reception Hall, gewwa Hal-Far, fiz-Zurrieq li s-sid taghha huwa Peter Pierre Abela. Meta mistoqsi jekk din l-ispezzjoni saritx wara xi rapport ix-xhud

wiegeb li marru minghajr pre-avviz u m'ghamlux appuntament mal-konsumatur u din kienet *surprise inspection* u l-*meter* in kwistjoni kien jghajjat lis-Sur Pierre Abela u hareg mill-istores nhar is-27 ta' Awwissu tas-sena 1998 u baqa' jghajjat l-istess persuna registrata sal-*inspection* ta' dakinnhar.

Spjega li l-istima nhadmet billi raw il-konsum tal-ahhar hames (5) snin u hadu r-*readings* taghhom cioe' li gew registrati precizment mija w sebghin elf, tlett mija w disgha w hamsin (170,359) *unit* u dawn meta l-*meter* kien qed jirregistra fuq zewg (2) *phases* minn tlieta (3). Qal li allura dawn huma ekwi ghall-zewg terzi (2/3) tal-konsum u konsegwentement ipprogettaw it-terz (1/3) illi kien jonqos proporzjonalment. Jigifieri bazikament hadmu fuq il-hames snin ta' qabel. Ix-xhud ipprezenta dokument CA1 u dan jikkonsisti li l-ewwel faccata hija stima fejn hemm referenza ghar-*readings* li gew registrati fil-hames snin (5) ta' qabel, u l-mod kif gew multiplikati bit-terz tal-konsum li ma giex registrat u r-rati li kienu japplikaw dak iz-zmien u nhadem it-total matematiku taghhom.

It-tieni faccata hija l-*History of Consumption* jigifieri r-*records* ta' x'gie kkunsmat elettriku minn 1996 sal-2008. It-tielet faccata hija l-istess haga ghall-ilma, bid-dati daqsxejn zghira differenti u r-raba' faccata hija l- *meter card* li turi li dan il-*meter* hareg fuq is-Sur Peter Pierre Abela fl-1998. Meta mistoqsi spjega li l-figuri ta' wara l-2005 huma bhala *records* biss ghaliex l-istima saret mil-gurnata tal-*inspection*

lura. Qal ukoll li peress li kien *three phase* li ghamlu hu li ghoddew fuq zewg *phases* u allura hargu proporzjon ghal wiehed. Meta gie suggerit lilu li l-*phase* li ma kienx registrat, seta' ma kien mqabbad ma' mkien, wiegeb li hu kaz remot hafna u li dwar x'kien imqabbad ma' dan il-*phase* jistghu jitkellmu ahjar in-nies teknici taghhom.

Il-*head inspector* li kien xoghol dakinhar kien Mario Cassar jew Robert Busuttil.

Ix-xhud **Alan Chetcuti** rega' xehed in kontro-ezami fil-15 ta' Lulju, 2014 fejn qal li b'referenza a fol. 63 tal-atti, hemm ir-*readings* li gew registrati dwar konsum gewwa Villa Marija ghal perjodu Mejju 1998 sa Novembru 1998. Jghid li dawn kienu *actual readings.* Zied li fil-fatt hemm *Reading* ohra tat-8 ta' Gunju 1996. Jispjega li dan sar ghal *comaprative purposes* u ghalhekk l-istima tieghu giet mahduma kif hemm msemmi f'dokument CA1 a fol. 62 ta' l-atti.

Qal li l-pulizija tohrog ic-*charges* a bazi tar-rapport taghhom. U qal li meta huma ghamlu l-kalkoli taghhom irrizultalhom li kien hemm serq fl-ammont ta' sitt elef tmien mija w sitt Ewro u sitta w tmenin centezmu (€6806.86).

Meta x-xhud gie mistoqsi jekk effettivament il-pulizija fl-akkuza taghha semmietx l-ammont ta' sebat elef erbgha mija w hamsin Ewro u zewg centezmi (€7450.02) stqarr li milli jista' jifhem hekk hu,

izda f'dan l-istadju ma jistax jikkonferma ghaliex l-istima kienet inhadmet minn persuna ohra u gew applikati xi penali bhal per ezemju mija w erbghin Ewro (€140) w xi imghaxijiet fuqhom tal-*meter* li fil-verita' ma kinux japplikaw mill-ewwel ta' Jannar, 2006.

Tenna li l-istima originali ma hadimhiex hu, pero'd-dokument esebit a fol. 62 hadimha hu w fil-fatt nehha c-*charges* li kien hemm fuq l-istima originali mahduma minn persuna ohra, li m'ghadhiex impjegata f'din is-sezzjoni mal-Korporazzjoni, ghalhekk jista' jivverifika ezattament id-differenza bejn dawn iz-zewg (2) ammonti.

Ix-xhud jghid li m'ghandux problema biex jiddefendi d-dokument a fol. 62 u l-figuri ttiehdu mir-records tal-Enemalta. Sostna li ghalkemm originarjament ma hadimhiex hu, din hija mahduma skond il-paramentri li jahdmu bihom is-soltu u huwa jaqbel mal-*assumptions* li fiha. Rega' kkonferma li din l-istma nhadmet billi raw ir-*readings* tal-hames (5) snin precedenti qabel l-ispezzjoni w fid-dawl tal-konkluzjonijiet ta' l-ezamijiet teknici li saru, w cioe' li l-*meter* kellu *phase* wiehed (1) minn tlieta (3) li ma kienx qed jirregistra konsum.

Ghalhekk irrizultalhom li l-meter kien qed jirregisrta konsum inqas ta' bejn tlieta u tletin fil-mija (33%) sa tlieta u hamsin fil-mija (53%) jiddependi kemm kien hemm *applainces* ta dik il-*phase* partikolari.

Ix-xhud jghid li ma kienx prezenti waqt l-*inspection* allura certu domandi ghandhom isiru lil min kien prezenti waqt l-*inspection*. Skond hu l-Enemalta kienet konservattiva fid-decizjoni taghha ghaliex ikkonkludiet illi l-*meter* in kwistjoni kien tlieta w tletin fil-mija (33%) *slow*.

Qal li s-Sinjur li originarjament hadem l-istima huwa certu Stephen Aquilina w imbaghad kienet giet indorsjata minn Inginier tas-sezzjoni, certu Anton Gauci, w din ibbazata fuq dak li sabu n-nies taghhom fuq il-post.

Ix-xhud ma jafx effettivament jekk il-persuni li ghamlu l-*inspection* infurmawx lill-Inginier liema kienu l-*appliances* fuq ir-*red phase* li ma kinitx qieghda tirregistra konsum.

Ix-xhud ghan-nom tal-Enemalta qal illi l-Enemalta giet misruqa l-ammont ta' sitt elef tmien mija w sitt Ewro w sitta w tmenin centezmu (€6806.86) u mhux l-ammont li hemm fl-akkuza u qieghed jigi muri dokument immarkat bhala PPA.

**WPC 66 Pauline Bonello** xehdet fid-9 ta' Settembru, 2013 qalet li esebiet dokumentazzjoni dwar l-amministratur tal-fond 'Villa Maria,' Reception Hall, li tinsab fil-limiti taz-Zurrieq. Qalet li mir-ricerka

taghhom jidher li din il-licenzja nharget fuq Pierre Abela detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 41560(M) fl-elfejn u wiehed (2001) u l-licenjza inharget 'to keep a hall for wedding receptions and similar functions, bl-isem 'Villa Maria' sitwata f'Ta' Minglin, Limiti taz-Zurrieq. Ix-xhud ipprezentat dan id-dokument bhala Dok. WP1. Meta mistoqsija liema dipartiment huwa responsabbli ghall-hrug ta' licenzji ghal kirjiet ta' swali, qalet li meta dawn il-licenzji ttiehdu minghand il-Pulizja, marru ghand it-Trade Licensing Office pero' llum il-gurnata ma tafx ezatt min jiehu hsiebhom.

**L-imputat Pierre Peter Abela** xehed fis-17 ta' Novembru, 2014. Huwa qal illi 'Villa Marija' ilha proprjeta' tieghu mill- 1996. Ix-xhud stqarr li qabel is-sena 2005 il-villa in kwistjoni kienet mikrija lill-*operator* biex huwa jahdem minn go fiha ghalkemm hu zamm id-dritt li jiehu hsieb il-*maintenance* taghha, tindif u affarijiet simili, pero' il-funzjonijiet kienu qed jigu mizmuma minn terza persuna. Jghid li fil-fatt kienet giet mikrija lill-*Island Caterers*.

Qal li effettivament kien ghamel zewg (2) kuntratti mal-*Island Caterers* in konnessjoni ma' din il-villa. L-ewwel kuntratt li kien iffirma huwa datat Dicembru, 2003. Esebixxa kopja tal-istess lill-Qorti, li giet immarkata bhala dokument IC.

Ix-xhud stqarr li f'dan il-kuntratt hemm imnizzel: "all of the charges in connection with water and electricity consumption in the premises

including airconditioning shall be a charge to the operator" u stqarr ukoll li f'dan il-kuntratt naturalment l-operator huwa hu stess.

Jispjega illi l-*caterer* li f'dan il-kaz kien Island Caterers kienu jaghmlu uzu mill-*premises* u dan b'mod esklussiv, u jghid li l-kera kienet rappresantanti persentagg tal-*functions* li kienu jaghmlu naturalment *plus* il-*venue charge* u sussegwentement huwa kien jara xi jkun hemm bhala spejjez ta' dawl, ilma, tindif ecc., u kien jassorbihom hu. Dan b'sehh sas-sena 20015. Jghid li b'dan il-mod il-kont kien qisu jigi jispicca mhallas minn Island Caterers.

Sussegwentement, meta kien ghalaq dan il-kuntratt f'Dicembru 2005, kien ghamel kuntratt iehor. Esebixxa kopja tal-istess li giet immarkata bhala Dokument IC1. Dan il-kuntratt gie in vigore fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Marzu, tas-sena elfejn u hamsa (2005) u kellu jispicca fis-sena elfejn u disgha (2009). Kompla li effettivament skond il-kuntratt, kellu jaghlaq fil-wiehed u tletin (31) ta' Dicembru, 2012, pero' f'Dicembru 2009 il-ftehim spicca minhabba ragunijiet ohra. Skond dan il-ftehim, jghid, : "all costs in connection with water and electricity consumption in the premises shall be charged and paid for by the caterer" din id-darba, jigifieri direttament minn Island Caterers u dana mid-disgha u ghoxrin (29) ta' Marzu, 2005 'il quddiem.

Qal li mis-sena elfejn il-quddiem kien hemm diversi problemi min-naha tas-*supply* tal-elettriku ghal gol-villa specjalment l-*overhead lines* li kienu gejjin mis-*substation* dirett ghal gol-villa.

Ix-xhud qal li fil-villa ghandu *three (3) phases*. Fit-tnejn (2) ta' Awwissu, tas-sena elfejn u tnejn (2002) wara diversi telefonati li kien ghamel lill-*customer care* kien kiteb lill-Enemalta, lil Mr. Mario Zammit u Miss Antoinette Zahra ghax kien qed jara hafna *fluctuations* u *surges* fid-dawl tal-villa u kull meta jkun hemm ftit maltemp jew rih id-dawl jibda jilghab.

Ix-xhud qal li effettivament wara li kien kitibilhom wara erbat (4) ijiem marru jiccekkjaw, fethu s-*service box* u qalulu li ma kien hemm xejn hazin. Esebixxa kopja ta' din l-ittra li kien baghat li qed giet immarkata mill-Qorti bhala dokument IC2. Kompla li fil-fatt dan id-dokument IC2 jikkonsisti fil-korrispondenza kollha li ghaddiet bejnu w bejn l-Enemalta. Ix-xhud kompla billi qal li kitbilhom fit-tnejn (2) ta' Awwissu, 2002 u rcieva l-*acknowledgement* fis-sitta (6) ta' Awwissu, 2002.

Rega’ kitibilhom fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' Settembru, 2002 fejn gharrafhom li kien hemm hafna *voltage fluctuations* fuq il-*blue phase,* tant hu hekk illi n-*neutral line* ta' bejn dawn iz-zewg (2) *phases* kien hemm hafna *dry joints* fuqu u *intermittent faults.* Din l-ittra kien ircieva *acknowledgement* ghaliha fit-26 ta’ Settembru 2002. Ghaz-

zewg (2) ittri kien ircieva risposta fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Dicembru, 2002 fejn gharrfuh li f'Awwissu, 2002 ma kienx hemm *occurrence* ta' *high voltage*.

Pero' fl-istess hin qalulu li:"corrective action has been taken and maintenance has been done to electrical connections to reduce fluctuations". Kienu nfurmawh ukoll li l-*aluminium neutral cable* kien gie programmat biex jigi mibdul appena possibbli.

Ix-xhud qal ukoll li n-*neutral* li kellu ghaddej kien tal-*aluminium* u dana kien antik hafna u fil-fatt dan l-*aluminium cable* ma baqax jiffunzjona u kien haraqlu l-*airconditioning* kollu w fil-fatt kien kitbilhom u zammhom responsabbli. Fil-fatt esebixxa ukoll *invoice* datata sitta u ghoxrin (26) ta' Awwissu, 2002 fejn gie ndikat li kien hemm *removal and repair* tal-PCB tal-*airconditioning.*

Kien rega' kitibilhom fis-sitta (6) ta' Jannar, tas-sena elfejn u tlieta (2003) u dan ghaliex rega' kellu l-problemi. Din id-darba jaf ukoll li kien baghtilhom rapport tal-Enginier u spjegalhom dak li kien gara u dina giet *acknowledged* l-ghada sebgha (7) ta' Jannar.

Fl-erbgha (4) ta' Frar, 2003 rega' kitbilhom u nfurmahom li d-dawl kien ghadu qed jilghab u jghid li hawnhekk jghid li kif inharaq il-PCB Board fl-*airconditioning unit* jista' jkun li l-arlogg gralu l-hsara.

Jghid li dak iz-zmien hu qatt ma ta kaz il-*meter* u li kull darba li kienu jmorru kienu jifthu s-*service box* u jghidulu li ma kellu xejn. Jghid illi t-technician tal-Enemalta kien jidhol fil-*fuse room* u kien jiccekkja kollox hu u dan biex jara jekk id-dawl li kellu fuq kull *phase* kienx qieghed jigi sew fil-villa. L-ittra li x-xhud kien baghat lill-Enemalta fl-erbgha (4) ta' Frar, 2003 kienet giet *acknowledged* fil-hdax (11) ta' Frar, 2003.

Ghamel referenza ukoll ghal *hand written report* datat sittax (16) ta' Jannar, 2003, li huwa rapport li kien imhejji minn Enginier li kien qabbad ghall-villa. Anzi qal li dan ma kienx gie mqabbad minnu izda kien tqabbad mis-*supplier* tal-*airconditioning unit* biex jivverifika effettivament dak li kien gara. Dan ir-rapport kien intbaghat lill-Enemalta flimkien mal-ittra tieghu tal-erbgha (4) ta' Frar, tas-sena elfejn u tlieta (2003). Skond ir-rapport ta' dan l-Enginier il-*varistors* u l-PC *boards* jinharqu meta s-*supply* tal-elettriku jeccedi l-mitejn u sebghin AC volts. Cioe' nonostante, jghid, fl-1 ta’ Frar 2003 rega' kien hemm *failure* iehor u kien informahom b'ittra tat-tlettax (13) ta' Marzu, 2003. Ircieva r-risposta minghand l-Enemalta fit-tlettax (13) ta' Marzu, 2003 u qalulu li kien hemm *broken jumper* u li dana kien issewwa fil-hdax u nofs (11:30) ta' filghodu, izda minkejja dan qalu wkoll li ma kien hemm l-ebda domanda jew problema dwar *high voltage.* Qal li din l-istorja ghadha hekk sa llum ghaliex fil-hamsa (5) ta' Ottubru mar *phase* iehor, fis-sebgha (7) ta' Novembru marru zewg (2) *phases* u kien se jinharaq kull m'hemm u kemm-il darba marru tal-Enemalta biex isewwu dan il-*line* u l-*foreman* stess qallu li ma jafx

x'seta' jaghmel jekk mhux se jigu mibdula l-*wires.* Ghalhekk sostna li apparti l-*meter reader* kienu jmorru wkoll it-*technicians* tal-Enemalta.

Jghid li dakinhar ta l-*inspection* jaf li marru tnejn (2) min-nies mill-Enemalta. Ix-xhud qal li hu kien fil-*car park* vicin il-villa w lil wiehed minnhom rah niezel mill-karozza b'*meter* tad-dawl f'idu w qallu li kienu marru biex jibdlu l-*meter* u allura hu qallu li seta' jidhol, tant li wrih minn fejn jidhol, ghaddieh minn gol-kcina, dahal gos-*switch gear room* u qal li kien ghad ghandu l-*meter* f'idu.

Staqsih jekk kellux xi *computers* mixghulin u qallu li kellu l-*computer* fuq mixghul u dak qallu sabiex jitfih qabel ma jitfu s-sistema. Dak il-hin kien hemm zewg (2) min-nies, pulizija ma kienx hemm maghhom. Jghid li waqt li qabad tiela' fuq biex jitfi l-*computer,* dak ghajjatlu w qallu li kellu sigill minn dawk l-erba' (4) maqtugh.

Ghalhekk ix-xhud qallu li hemmhekk jidhol kulhadd ghax miftuh u vera kien maqlugh ghax rah. Tal-Enemalta qallu biex ma jmiss xejn ghaliex kellhom l-inkwiet, rega' hareg u sussegwentement mar lura bil-pulizija. Kompla jaqta' is-sigilli l-ohrajn ghaliex it-tlieta l-ohra kien ghadhom shah, fetah is-*service box* u qallu li kellu *shunt* miftuh.

Nel frattemp ma jafx x'ghamlu aktar, jaf li mar *technician* iehor b'rapport, hu ffirmah bla pregudizzju w bidlu l-*meter.* Ghamillu ittra

biex imur ihallas elf lira Maltin (Lm1000) *deposit* u safejn jaf hu l-kaz waqaf hemm. Jghid li l-elf Lira (LM1000) hallasha. Sussegwentement irceva l-akkuzi odjerni. Jaf li gew prezentati l-*estimated readings* tal-Enemalta ghall-konsum ta’ bejn is-sena elfejn (2000) u elfejn u hamsa (2005) u r-*readings* jibqghu ghaddejjin sat-tmintax (18) ta’ Novembru, 2008.

Jghid li skond ix-xhieda tar-rapprezentanti tal-Enemalta, ghall-hames (5) snin ta' qabel, u cioe' sal-2005, kien hemm *reading* ta' 170.359 kif jirrizulta minn Dok. CA1 u ghalhekk ifisser li l-*average* kuljum li skond huma kienu qed jinqraw fuq zewg (2) *phases* biss kien ta' *eighty six point five, two, one (86.521) daily unit.* Ikompli li jekk inti tiehu r-rata ta' *consumption* fuq zewg (2) fazi kif indikat mill-Enemalta stess a fol. CA1, cioe’ 170.359 units u tiddividih bejn l-ammont ta' granet kif indikat fl-istess dokument, u cioe' 1969 days, jigi li hemm konsum ta' 86.521 per day. U jghid li dawn fil-fatt huma *actual readings*.

Ikompli li jekk issa tiehu l-hames (5) snin ta' wara, u cioe' minn meta nbidel il-*meter,* li allura issa beda jaqra fuq tlett (3) *phases,* u tiehu mill-perjodu tas-sebgha (7) ta' Novembru, 2005 sat-tmintax (18) ta' Novembru, 2008 (meta kien *peak* ghal dawk it-tlett (3) snin) - u cioe' 116 days – minn konsum ta' 89.870 units beda jaqra *daily units* ta’ 80.529 fuq *three (3) phases.* Jigifieri l-konsum naqas minn meta kien qed jigi registrat fuq zewg (2) *phases*.

Ix-xhud spjega illi kien *peak* fis-sens li l-*caterer* kellu l-aktar xoghol. Ghas-sentejn (2) ta' wara cioe' mit-tmienja (8) ta' April, 2009 sal-hamsa u ghoxrin (25) ta' Gunju, 2010) l-*average* ta' *daily* units ghalkemm fuq tlett (3) phases rega' nizel ghal 621.581 *units daily*. Jghid li l-*Island Caterers* kienu ghadhom caterers f'dak iz-zmien. U baqa' jaghmel l-istess ezercizzju ghas-snin ta' wara fuq *actual readings* mehuda mill-Enemalta stess.

Jghid li dan id-dokument li qed jixhed dwaru qed jigi mmarkat mill-Qorti bhala Dokument Z. Ix-xhud esebixxa dokument iehor li gie mmarkat bhala Dokument Z1 u skond il-*consumption rates* mehuda mill-Enemalta stess fit-tlett (3) snin ta' qabel l- 2005 l-*average consumption rate* fuq dawk it-*two (2) phases* kien ta' 91.027, waqt li fit-tlett (3) snin ta' wara kien ta' 80.529 *daily unit*, ghalkemm il-*meter reading* kien fuq *three (3) phases*. Ghalhekk ix-xhud stqarr illi l-kontenzjoni tal-Enemalta illi t-tielet *phase* ma kinitx qed tirregistra ma treggix ghaliex effettivament meta kien hemm it-*three (3) phases* il-konsum registrat kien inqas u x-*shunts* ma kinux konnessi mal-*wires*.

Ix-xhud jichad li effettivament baghbas l-arlogg. Jghid li ma jidhirlux li l-*wires* imissu max-*shunt* u inoltre jzid li biex jinfetah u jinqala' x-*shunt*, trid taqla' erba' (4) sigilli, w taqla' l-*casing* biex sussegwentement tkun tista' tbaghbas minn gewwa. Sostna li dwar

is-sigilli ma nstab xejn li ma kienx in regola, anzi jghid li kien hemm wiehed li kien maqtugh.

Jghid li l-professjoni tieghu hi ta' *Quantity and Field Surveyor* u *Project Manager* u jahdem ukoll bhala P*rivate Pilot*. Jghid li l-esperjenza tieghu fuq elettriku hija wahda bazika, pero' certifikati u licenzji m'ghandux u qatt ma nduna illi s-sigill kien maqtugh, u nduna biss meta attirawlu l-attenzjoni waqt l-*inspection* li saret fl- 2005.

Ix-xhud tenna li biex tinqala' l-*casing*, jinqalghu is-sigilli w l-iskorfini, w dan huwa sens komun u ma jridx ikollok xi hila specjali u jaf li x-*shunt* hija oggett minn fejn jghaddi l-kurrent.

Ix-xhud stqarr  illi kellu jwaqqaf il-kuntratt mal-Island Caterers peress illi l-Gvern precedenti kein ghamel *open centre* proprju vicin il-villa w ghalhekk kellu jwaqqaf dan il-ftehim li kellu mal-Island Caterers ghaliex ma setghux jibqghu joperaw u ghalhekk l-*open centre* waqqaf in-negozju kollu tieghu.

**L-imputat Pierre Peter Abela** rega' xehed fid-19 ta' Jannar, 2015 u qal illi meta xehed precedentement kien gie mistoqsi mill-Ufficjal Prosekutur jekk kellux xi evidenza dwar il-*peak season* wara Ottubru, tal-2005 u dan ghaliex kien qallu li l-*functions* li kienu jinzammu fil-*venues* sal- 2009 kienu ghaddejjin bl-istess ritmu dejjem taht il-kappa

tal-Island Caterers a bazi tal-kuntratt. Ix-xhud esebixxa evidenza tar-raguni ghaliex effettivament kien ittermina l-kuntratt li kellu mal-Island Caterers.

Ix-xhud esebixxa zewg (2) ittri, wahda datata tnejn u ghoxrin (22) ta' Frar, 2008 mibghuta lilu mill-Island Caterers fejn kien hemm miktub illi minhabba dak li kien qed jigri fl-akkwati tal-venue ta' Villa Maria (cioe' li kien hemm diversi mmigranti fl-akkwati) kienu qed jitilfu hafna *bookings* u hemmhekk il-*bookings* isiru minn perjodu ta' zmien minn qabel, u ghalhekk talbuh biex jittermina l-kuntratt. Dan id-dokument gie mmarkat bhala Dokument PS.

Esebixxa ittra ohra datata sittax (16) ta' Marzu, 2009 ukoll mibghuta lilu minn Island Caterers fejn qalulu li skond l-obbligazzjonijiet li kien hemm fil-kuntratt kellhom l-*option* li jitterminaw il-kuntratt ghall-ahhar tal- 2009. Dak id-dokument qed gie mmarkat bhala Dokument PS2. Jghid li ghalhekk sussegwentament ma kellux alternattiva ohra hlief illi jittermina dan il-kuntratt.

**Ian Vella** xehed fid-19 ta' Jannar, 2015 u qal li jokkupa l-kariga ta' *Financial Executive Corporate Services Enemalta.* Huwa gie mitlub sabiex jipprezenta dokumenti relatati mal-kaz tas-Sur Abela li kien sehh fis-sena elfejn u tnejn (2002) fejn effettivament is-Sur Abela kien qed jallega li kien hemm xi *fault* fis-sistema tieghu. Jikkonferma li

kien hemm skambju ta’korrispondenza bejn is-Sur Abela u l-Enemalta.

Ix-xhud esebixxa din l-istess korrispondenza li l-Qorti mmarkat komplessivament bhala dokument PS3, filwaqt li zied illi dak iz-zmien hu ma kienx impjegat tal-Enemalta u ghalhekk id-dokumentazzjoni li qed jesebixxi hija dik li tirrizultalu mill-*file*.

Mistoqsi jekk irrizultalux jekk l-Enemalta haditx mizuri fil-konfront ta' dan il-*complaint* jghid li kienu marru tlieta (3) min-nies jiccekkjaw is-sistema tad-distribuzzjoni, u dawn kienu certu David Zerafa, Joe Formosa u Vince Mangion u li llum l-ahhar wiehed huwa rtirat.

Mistoqsi meta effettivament saret din l-ispezzjoni jghid li mill-*file* ma jirrizultax id-data u li l-Enemalta kienet infurmat lill-imputat illi *fault* fin-*neutral,* kif kien qed jallega hu, ma rrizultax li kien hemm. Zied li pero' l-*fluctuation* irrizulta li kienet kagun tas-sistema nterna, cioe’ minn kif kienu mqabbdin il-*phases* tal-imputat. Jghid li r-responsabilita’ tal-Enemalta tasal biss sal-arlogg, mill-arlogg ‘il gewwa m'ghandhiex responsabbilita'. Jghid li dan skond ma seta’ jifhem mill-qari tal-korrispondenza.

Meta x-xhud gie mistoqsi jekk irrizultalux li effettivament minkejja dak li qal kienet giet mibdula n-*nuetral cable* fuq barra jghid li fil-*file*

ghandu miktub li giet mibghuta din l-informazzjoni tal-imputat lil tad-distrett, pero' effettivament x'passi hadu tad-distrett, fil-*file* m'ghandux. Jghid li dak li ghandu miktub huwa illi l-*fault* kien rizultat ta’ *technical failure,* u dan kif jirrizulta mill-ittra li giet mibghuta lill-istess imputat fit-tlettax (13) ta' Marzu, 2003 immarkata bhala Dokument PS3.

X'passi ttiehdu in segwitu’ pero' ma jafx u meta kien mistoqsi jekk hemmx *file* iehor mizmum ghand tad-distrett, wiegeb li dan huwa l-uniku *file* li hemm. Id-*Distribution Tradesmen Officers* kienu David Zerafa u Joe Formosa waqt li s-*Senior Engineer* tal-*area* huwa George Portelli. Mistoqsi jekk din l-ittra, cioe’ l-*grievance* tal-imputat, gietx mghoddija lis-Sur Portelli, qal li hekk ghandu jahseb, pero' ma kienx cert.

Ikkonferma li huwa minnu li skond l-ittra datata sebgha u ghoxrin (27) ta' Dicembru, 2002 mibghuta lill-imputat mill-Enemalta, kien hemm miktub illi effettivament l-*aluminium neutral cable* kienet giet programmata biex tinbidel, pero' jekk effettivament inbidlitx jew le ma jistax jghid. Ipprometta li sas-seduta ta’ wara kien se jaghmel xi verifiki biex jara jekk il-*cable tan-neutral* inbidilx jew le.

**George Portelli** xehed fit-3 ta’ Marzu, 2015 fejn stqarr li ghandu l-professjoni ta' Inginier u fil-fatt jokkupa l-kariga’ ta' *Manager Distribution* inkarigat mill-area taz-Zurrieq u qal li jaf li kien hemm xi

korrispondenza fejn kien qed jigi allegat mis-Sur Abela ghan-nom ta' Villa Maria li kien hemm xi hafna kambjamenti fl-elettriku, pero' qal li l-kambjamenti fl-elettriku jsiru kullimkien hawn Malta w fil-fatt ikun hemm *bandwidth* u mportanti li l-vultagg jibqa' *within that bandwidth.*

Meta x-xhud gie mistoqsi dwar il-bdil tan-*neutral* wiegeb li dana ma nbidilx u ma kellux ghalfejn jinbidel ghaliex dan huwa *hundred millimeter* (100mm). Saritlu referenza ghall-ittra datata sebgha u ghoxrin (27) ta' Dicembru, 2002 mibghuta lill-imputat mill-Enemalta Corporation. Ix-xhud qal li wara li huma kienu baghtu din l-ittra u l-kaz gie nvestigat aktar fid-dettall sabu illi dan il-*cable* ma kienx *fifty* (50) *aluminium* izda *one hundred (100) aluminium* u ghalhekk ma kienx hemm ghalfejn jinbidel. *Fifty (50) u hundred (100)* ifissru il-hxuna tal-*cable* f’ *millimeters* u ghalhekk rega’ tenna li l-*cable* ma nbidilx u ma kienx hemm lok ghalfejn. Qal li dan m’ghandu jfisser xejn mar-*reading* tal-*meter* ghax dak ir-*reading* tal-*meter* jaghti l-konsum u mhux kuntatt jew hxuna ta' *cable*. Mistoqsi jekk il-flucuation li tkun ghaddejja mill-*cable* taffettwax il-konsum tar-registratur, wiegeb li le ghax il-konsum hija kwistjoni ta' *power*. Qal li l-*fluctuations* lanqas m’ghandhom x'jaqsmu ma' kwistjoni ta' *cable neutral*. Spjega li l-*flactuations* ikunu fil-vultagg u kurrent li jissupplixxu bih lill-klijent. Il-*meter* jaqra biss il-*power* cioe' l-kurrent u l-vultagg flimkien, meta joghla l-vultagg jonqos il-kurrent ghalhekk meta jonqos il-kurrent joghla l-vultagg. Rega’ spjega billi qal li meta jonqos il-vultagg joghla l-kurrent u li l-*power* huwa l-vultagg u l-

kurrent flimkien. Mistoqsi jekk l-*intermittent power* jaghmilx effett fuq il-*phases*, qal li *intermittent power* tfisser li kien *off*.

Mistoqsi jekk b'*intermittent power* ifissirx illi l-kurrent jaqta', imur u jigi, wiegeb li ma taghmilx differenza. Meta staqsewh imbaghad jekk ikun *off* ma jiffidjax in-*neutral*, ix-xhud stqarr li jekk ikun *off* ma jkun hemm *power* ta' xejn u meta jkun baxx ikun ikun hemm *power* ftit.

Meta l-Qorti kompliet tistaqsi jekk meta l-*power* ikun baxx jew ikun mitfi mhux se taghmel differenza wiegeb li le meta l-power, meta l-vultagg huwa baxx il-kurrent joghla jigifieri bhala *power* ha jibqa' l-istess. Meta bil-kontra, l-vultagg ikun gholi l-kurrent ikun baxx, pero' l-power baqa' jigifieri ma jaghmilx differenza.

Meta d-difiza staqsiet jekk meta n-*neutral* jinqata' l-kurrent joghliex, ix-xhud wiegeb li teoritikament hekk hu, meta n-neutral jinqata' joghla l-vultagg. U meta mistoqsi jekk joghla l-vultagg, il-power joghliex ukoll, ix-xhud tenna li f'dan il-kaz ghaliex ikun hemm *broken neutral*, pero' fil-kaz odjern ma rrizultalux li kien hemm *broken neutral*.

Meta x-xhud gie mistoqsi mill-Qorti jekk qattx mar *on sight* wiegeb li iva kien mar hemm in konnessjoni ma' din l-investigazzjoni kif ukoll meta kien hemm *claim* dwar din il-*broken neutral.* Qal pero' li meta

mar dakinhar ma rrizultalux li l-*cable* kien *broken* jew li kien *broken* antecedentement u lanqas ma rrizultalu li dakinhar kien hemm *intermittent.*

B' referenza ghall-ittra mibghuta lill-imputat minghand Antoinette Zahra, Customer Care Coordinator tal-Enemalta, datata tlettax (13) ta' Marzu, 2003 spjega li l- *broken jumper* imsemmi f'din l-ittra tfisser linja maqtugha u cioe' il-linja li tissupplixxi l-vultagg lill-klijent u meta jkun hemm *broken jumper* il-klijent ma jkollux *power* fuq dik il-linja allura jekk m'hemmx *power* m'hemmx konsum registrat. Meta jkun hemm *broken jumper* ma jfissirx li jinqata' n-*neutral* jinqata' *phase* tal-konsumatur.

Ikkonferma li meta jkun hemm *phase* li ma jkunx qed jigi registrat, il-konsum jigi registrat inqas ghax ikun hemm biss dak taz-zewg (2) *phases* l-ohra li jkun qed jigi registrat. Meta gie mistoqsi kemm damu biex jiddeciedu li effettivament in-*neutral cable* ma kellux ghalfejn jinbidel, wiegeb li ma jafx.

Id-difiza rreferiet lix-xhud ghall -ittra tat-tlettax (13) ta' Marzu, cioe' meta ghaddew xahrejn u kwazi gimghatejn, fejn hemm miktub *'with regarding your query regarding the replacement over head lines kindly note that fine is again being referred to our Senior Engineer for necessary action.'* Id-difiza ghalhekk gibdet l-attenzjoni tax-xhud ghall-fatt li dan il-file kien rega' gie riferut lilu f'Marzu *'for the*

*necessary action'*, allura gie suggerit lilu illi f'Marzu kien ghadu ma ddecidiex jew ma ndunax illi l-*cable* kien *one hundred (100) u mhux fifty (50)* u ghaldaqstant ma kellux ghalfejn jinbidel.

Ix-xhud qal li meta jaraw hux *hundred (100) jew fifty (50)* jiddependu fuq zewg (2) affarijiet illi huma d-*data base, cioe'* li jiccekjaw fuq id-*data base* u jaraw x'jindika jew inkella jmorru *physically on site.* Qal li normalment jiddependu fuq l-ewwel wahda.

Il-Qorti hawnhekk qalet lix-xhud li f'dan il-kaz pero' ma ghamlux hekk ghax fil-fatt ix-xhud kien qal li marru *on site u* ma kienx hemm dan il-ksur fin-*neutral cable* u ghaldaqstant iddecidew li ma kienx hemm bzonn li jinbidel ghax kien tal-*hundred (100) u mhux fifty (50.)* Id-difiza ssuggeriet lix-xhud li meta ha dik id-decizjoni ghax induna li kien *hundred (100) u mhux fifty (50)* il-pendenzi, il-kwistjoni kienet ghadha pendenti ghax fl-ittra hemm referenza li l-*file* kien ghadu ha jerga' jmur lura ghandu.

Il-Qorti staqsiet lix-xhud ghaliex il-file kien se jerga' jmur ghandu meta d-decizjoni kien diga' hadha w dan spjega li meta jiccekkjaw il-linja huma jkunu jridu jaraw li t-tul kollu taghha huwa *hundred (100) millimeter.* Il-linja in kwistjoni hija daqsxejn twila. Ix-xhud qal li irrizulta li t-tul kollu.

Id-difiza staqsiet lix-xhud jekk din in-*neutral cable,* kemm jekk *kienet fifty (50), one hundred (100) jew one thousand (1000)* kinitx immermra w fil-fatt inbidlet u hadu kwazi gurnata xoghol biex bidluha, ix-xhud wiegeb li ma jirrizultalux.

Meta mistoqsi mid-difiza jekk jaqbilx li kien hemm numru konsiderevoli ta' complaints minghand is-Sur Abela, ix-xhud wiegeb li fil-fatt kien hemm numru ta' korrispondenza.

Mistoqsi mid-difiza jekk effettivament l-Enemalta nfurmatx l-imputat illi kienu hadu decizjoni li l-*cable* ma jinbidilx, ix-xhud wiegeb illi ma jafx jekk effettivament il-klijent kienx gie nfurmat. Kompla li meta l-file kien mar ghandu permezz ta' l-ittra PS3 kien ghamel l-investigazzjoni tieghu u rreferih lura lill-*customer care* b'korrispondenza bil-miktub. Jghid li hemm korrispondenza f'dan is-sena pero'din qeghda fil-file u mhux ghandu.

**L-Inginier George Portelli** kien riprodott fis-17 ta' April, 2015. Beda billi qal illi dan il-kaz kien beda fit-tnejn (2) ta' Awwissu, 2002 fejn kienu rcivew ittra minghand is-Sur Abela fejn kien qed jitlob hlas ghal danni li sofra hu peress li kellu xi hsara fl-*appliances* tieghu kagun tal-elettriku. Fil-fatt kien indikalhom li fil-fehma tieghu kien hemm *fault on neutral head of supply, on over head supply to the above premises* gewwa *Hal-Safi*.

In segwitu’ x-xhud tenna li huma zammew l-investigazzjoni w ma sabu l-ebda *broken neutral,* u rrispondewh fis-sebgha w ghoxrin ta’ Frar ta’ Dicembru, 2002.

Kompla li fis-sebgha w ghoxrin ta' Dicembru, 2002 kienu qalu lill-imputat li l-Enemalta ma kinitx *liable,* pero*’* cio' nonostante qalulu li kienu se jiccekkjaw il-linja. Ghamel referenza ghall-ittra datata sebgha u ghoxrin (27) ta’ Dicembru, 2002 li tinsab inserita fl-atti a fol. 118. fejn kienu qalu illil-Enemalta ma kinitx ser taccetta responsabilita' dwar dawn l-allegati hsarat pero’ qalet:

"*corrective action has been taken a maintenance has been down to electrical connections to reduce fluctuations, further more you might wish to know that the aluminium neutral cable is programmed to be changed as soon as it is possible.*"

Ix-xhud qal li wara li effettivament kienu baghtu din l-ittra jaf li ccekkjaw il-linja u rrizulta li ma kienx hemm ghalfejn tinbidel din il-linja. Sussegwentement jaf li s-Sur Abela kien baghtilhom zewg ittri ohra wahda datata sitta (6) ta’ Jannar, 2003 u l-ohra erbgha (4) ta’ Frar, 2003 li jinsabu inseriti fl-atti a fol, 119 u 121 tal-atti fejn is-Sur Abela kien qalilhom li kien hemm nuqqas iehor u kien sehh *failure* fl-ewwel (1) ta’ Frar ghall-habta tat-tmienja w nofs ta’ filghodu

(8:30am). Kien qalilhom illi kien qed jikkontesta r-rapport li kien mahrug mill-Inginier.

Ix-xhud stqarr li fit-tlettax (13) ta' Marzu, 2003 skond l-ittra esebita fl-atti a fol. 125 l-Enemalta, tramite *customer care* coordinator, kienet infurmat lis-Sur Abela li effettivament il-hsara li kienet giet kagunata fit-tlieta (3) ta' Frar, 2003 kien rizultat ta' *broken jumper* li mbaghad kien gie msewwi, liema hsara kienet minhabba *phase failure*.

Ix-xhud qal li kien infurmah li meta kienu marru fl-ewwel (1) ta' Frar kienu sabu l-post maghluq u kkonferma li din hija l-unika korrispondenza li ghaddiet bejniethom. Meta x-xhud gie mistoqsi jekk informawx lis-Sur Abela li n-*neutral cable* ma kinetx inbidlet wiegeb ma jidhirlux li kien hemm korrispondenza f'dan ir-rigward, pero' kkonferma li effettivament *faults* instabu u ssewwew.

Semghet lill-partijiet jittrattaw il-kawza w dan fis-seduta tat-2 ta' Lulju 2015, fejn fl-istess jum il-partijiet awtorizzaw lill-Qorti tghaddi ghas-sentenza.

**<u>Ikkunsidrat.</u>**

L-imputat huwa akkuzat bir-reat partikolari ta’ serq ta’ elettriku kif kontemplat fl-**Artikolu 264 tal-Kap. 9** tal-Ligijiet ta’ Malta. Jinghad li l-asportazzjoni tal-elettriku hija asportazzjoni ta' tip specjali u *sui generis* trattandosi mhux ta' korp fiziku imma ta' energija li qed tirregistra t-tehid tal-elettriku fejn il-kontatur mhux qed jimmarka jew mhux jimmarka sew minhabba interruzzjoni

**L-Artikolu 264(2) tal-Kodici Kriminali** jesigi li l-Ligi trid illi fil-kaz ta’ ksur jew gumni tas-servizz elettriku jew tal-*meters* taghha?? jew ta’ xi sigilli ta’ xi *meter*, il-fatt li jkun hemm mezzi qarrieqa li bihom wiehed jista’ jkollu l-uzu jew il-konsum illegittimu ta’ dan il-kurrent elettriku, jew li bihom jista’ jwaqqaf jew ibiddel mmarkar fil-*meter* tal-kwantita’ mehuda jew ikkunsmata, jitqies - sakemm ma jigix ipprovat il-kuntrarju - bhala prova illi d-detentur tal-fond jew il-persuna li jkollha f'idejha il-fond (sotto linear ta’ din il-Qorti) fejn ikunu jinsabu dawn il-kawzi jew mezzi qarrieqa, jaf jew taf b’dan l-uzu jew konsum ta’ kurrent elettriku. Hu evidenti li dan is-sub-artikolu johloq presunzjoni ta’ *juris tantum* li ghandha tipprevali jekk ma jigix ippruvat il-kuntrarju. Illi l-Qorti ghalhekk tirrileva, li f'kaz li l-Prosekuzzjoni tipprova l-ezistenza ta' mezzi qarrieqa, imbaghad jispetta lill-imputat jipprova li ma kienx jaf bl-uzu taghhom. Il-Prosekuzzjoni trid tipprova biss il-mezzi qarrieqa idoneji biex isir l-uzu w konsum illegali tad-dawl.

Ma' dan pero, din il-Qorti trid tosserva li l-Ligi ma tispostax l-oneru tal-prova tal-innocenza tal-imputat fuqu. L-oneru jibqa' dejjem fuq il-Prosekuzzjoni li ghandha favuriha l-presunzjoni msemmija, li pero' tista' tigi newtralizzata b'xhieda w provi ohra ta' l-istess Prosekuzzjoni bhal ma fil-fatt gara f'dan il-kaz. F'dan il-kaz jirrizulta li kien hemm sigill maqlugh u vit mahlul u li ghalhekk l-elettriku li kien qed jittiehed allegatament ma kienx qed jigi registrat jew li mhux kollu kien qed jigi registrat.

Huwa ovvju illi biex jigi ppruvat is-serq, iridu jikkalkulaw l-element materjali u formali necessarji f'kull reat, il-*mens* u l-*actus,* iridu jissussistu l-elementi kollha ta' dan ir-reat.

L-*actus reus* tas-serq jinkludi fih il-fatt li l-akkuzat ibbenifika anke minimament mill-ezekuzzjoni tal-hsieb li bil-*mens rea* tieghu iddecieda illi jattwa.

Il-Qorti taghmel referenza ghal diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fosthom **Il-Pulizija v Anthony Lanzon** moghtija nhar it-2 ta' Settembru, 1998, **Il-Pulizija v Emanuel sive Lino Cassar** moghtija nhar is-26 t'Ottubru, 1998*,* **Il-Pulizija v Paul Barbara** moghtija nhar is-26 ta' Mejju, 1998 fejn gie spjegat il-presunzjoni *iuris tantum* applikabbli ghal dan ir-reat kif dispost fl-**Artikolu 264(2) tal-Kap. 9** tal-Ligijiet ta' Malta.

L-**Artikolu 264(1) tal-Kap. 9** jistabilixxi li jekk jigi ppruvat il-ksur u l-presenza ta' mezzi qarrieqa li bihom wiehed jista' jkollu l-uzu jew il-konsum illegittimu tal-kurrent elettriku, jew jbiddel ir-registrazzjoni tal-konsum, allura jitqies bhala prova li d-detentur tal-fond jew il-persuna li jkollha f'idejha l-fond (sottolinear ta' din il-Qorti) fejn ikunu nstabu dawn il-mezzi qarrieqa, **jaf** b'dan l-uzu jew konsum ta' kurrent elettriku, sakemm ma jigiex ippruvat il-kuntrarju.

Ghalhekk f'dan il-kaz, l-*onus* tal-prova jinqaleb u ma jibqax iktar fuq il-Prosekuzzjoni izda jinkombi fuq l-imputat odjern. Ir-rizultat ta' dan l-ispustjar tal-prova ghal fuq l-imputat hi li l-posizzjoni tal-Prosekuzzjoni tkun giet reza aktar facli w b'hekk hi tkun tista' tasal fejn trid minghajr sforzi ta' xejn.

Illi huwa car ghalhekk li dan l-**Artikolu 264(2) tal-Kap 9** johrog presunzjoni ta' ***dolo***, *iuris tantum,* li ghandha tipprevali jekk ma jigix ippruvat il-kuntrarju.

Din il-presunzjoni mhix xi wahda assoluta w li ghandha tigi applikata bl-akbar rigorosita' kif effettivament sostniet id-difiza fit-trattazzjoni taghha. Din treggi biss sakemm ma jingibux provi kuntrarji li jistghu jingiebu mill-imputat. Ma' dan il-Qorti trid tghamilha cara w temfasizza li l-Ligi ma tispustjax l-oneru tal-prova tal-innocenza tal-

imputat ghal fuqu. L-oneru tal-prova jibqa' dejjem fuq il-Prosekuzzjoni li ghandha a favur taghha din il-presunzjoni li pero, tista tigi newtralizzata b'xhieda u provi ohra tal-istess Prosekuzzjoni jew tad-difiza [ara wkoll Appell Kriminali 282/93 **Il-Pulizija v Michael Attard** deciza nhar it-12 ta' Frar, 1993 per Imhallef Carm Lino Agius].

Proprjament ghalhekk, filwaqt li jinkombi fuq il-Prosekuzzjoni li tipprova sal-grad rikjest minnha skond il-Ligi, cioe' minghajr ebda dubbju dettat mir-raguni, l-ksur jew il-mezzi qarrieqa skond il-kaz u wkoll li l-imputat ikun id-detentur jew il-persuna li jkollha f'idejha l-fond, minn hawn 'il quddiem l-oneru jinverti fuq l-imputat li allura jkollu jipprova hu li ma kienx jaf jew bil-ksur jew bl-ezistenza tal-mezzi qarrieqa w dan imqar sal-grad ta' probabbilita' skond ir-regoli stabbiliti.

Illi f'dan il-kaz l-imputat ghazel li jaghti x-xhieda tieghu li kienet wahda komplikata w fid-dettal u ghalhekk jispetta issa lill-Qorti, in vista tax-xhieda fuq riprodotta, li tara jekk hix wahda veritiera u ghalhekk jekk ghandhiex tigi emmnuta. Il-Qorti trid tiddeciedi jekk ghandhiex tiskartaha jew ma taghtix kazha. L-imputat ma xehdx *a tem po vergine* tal-investigazzjoni fl-atti tal-inkjesta, kif kellu kull dritt jaghmel, pero' ghazel li jixhed fil-Qorti nhar is-17 ta' Novembru 2014 fejn cahad dak li gie allegat fil-konfront tieghu u ta spjegazzjoni dettaljata ghaliex kien qed jikkontesta din l-allegazzjoni ta' serq.

**<u>Ikkunsidrat ulterjorment.</u>**

Illi din il-kawza giet inizjata, skond kif qal l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Carlos Cordina, wara li l-pulizija kienet irceviet rapport minghad il-Korporazzjoni Enemalta, li Mario Cassar Rapprezentant Tekniku tal- Enemalta kien mar jaghmel spezzjoni fil-fond 'Villa Maria', limiti taz-Zurrieq, u kien irraporta li sab il-*meter* imbaghbas. Spjega li wiehed mill-*phases* bis-*serial number* 244169531 li kellu r-*reading* 196830 u li kellu s- sigill blu, kellu l-bazi tieghu *'tampered'* u li ghalhekk seta' kien hemm il- <u>possibilita'</u> (fol. 19) ta' telf ta' kurrent tal-elettriku ta' 33%, u ghalhekk kienet saret inkjesta.

Fl-inkjesta li nzammet mill-allura Magistrat Dottor Antonio Mizzi, rrizulta s-segwenti:-

1. Il-fond Villa Maria gewwa Zurrieq ghandu il-*meter* tieghu registrat fuq l-imputat li huwa l-proprjetarju ta' din l-istess villa.
2. Illi wiehed mis-sigilli tal-plastikc tat-*terminal cover* ta' dan il-*meter* kien diga' nfetah u nghalaq bla ma gie miksur. Is sigilli kollha l-ohra kienu kollha regolari w intatti.
3. Ix-*shunt link* tar-*red phase* tal-istess *meter* kien miftuh. Iz-zewg *shunt links* l-ohra, cioe' dawk tal-*blue* u l-*yellow phase* kienu intatti.
4. Illi l-konsum tal-elettriku kollu li kien hemm ikkomunikat mar-*red phase* ta' din l-installazzjoni, ma kienx qed jigi registrat fuq il-

*meter* u li kien qed jigi registrat biss il-konsum li kien qed jinhela miz-zewg *phases* l-ohra.

A bazi ta’ dawn il-konkluzjonijiet kif raggunti mill-espert tekniku nominat fl-inkjesta, u cioe’ Philip Zammit, l-imputat tressaq il-Qorti.

M’hemmx dubju li kif jirrizulta mid-dokument esebit fl-atti u mmarkat bhala Dok.IC a fol. 102, l-imputat odjern la kien id-detentur tal-fond Villa Maria jew li kien fil-pussess tal-fond, u lanqas li kellu kontroll fuqu. Jirrizulta li dan il-fond kien mikri lil Island Caterers skond dan il-ftehim, liema ftehim kien jiggedded minn sena ghall-ohra. Pero’ minn ezami ta’ l-istess jidher li l-imputat, imsejjah bhala l-‘*operator*’ f’dan il-ftehim baqa’ responsabbli ghall-kontijiet tad-dawl u ghalhekk minkejja li ma kellux pussess tal-fond xorta kellu l-kontroll fuq il-*meter* installat fil-fond, stante li baqa’ responsabbli ghalih. Huwa minnu li l-imputat kien ghamel ftehim iehor mas-socjeta’ Island Caterers u dan f’Dicembru 2005, pero’ dan ma jaffettwax il-mertu tal-kawza stante li l-perijodu li bih gie akkuzat l-imputat huwa bejn is-sena 2000 u s-sena 2005.

L-imputat spjega li kien hemm diversi problemi fil-provista tal-elettriku gol-villa. Ikkonferma li kellu tliet *phases* ghaddejjin ghall-villa. Jikkonferma li f’Awissu 2002 kien kiteb lill-Enemalta u kien infurmahom bil-*fluctuations* u *surges* fid-dawl tal-villa w jghid li kull darba li kien ikun il-maltemp id-dawl kien jilghab (Dok IC 2). Qal li in

segwitu’ kienu marru xi rapprezentanti tal-Enemalta w fethu s-*service box* u qalulu li ma kien hemm xejn hazin. Cio’ nonostante xorta baqa’ jsofri minn *fluctuations* u ghaldaqstant rega’ kitbilhom fil-25 ta’ Settembru 2002 u kien biss fis-27 ta’ Dicembru 2002 (tliet xhur wara) fejn gharrfuh li f’Awwissu 2002 ma kienx hemm *high voltage* izda qalu li “ *Corrective action has been taken and maintenance has been done to the electrical connections to reduce fluctuations’*. Qalulu wkoll li kellhom ibiddlu l-*aluminium neutral cable*. Qal li sahansitra dan l-*aluminium cable* kien haraqlu l-*airconditioning* kollu w fis-26 ta’ Awissu 2002 kien kitbilhom u zammhom responsabbli ghall-hsara li sofra (vide fol. 115 u 116). Spjega wkoll li fix-xhur ta’ Jannar u Frar 2003 huwa baqa’ bil-problemi w kien sahansitra kitbilhom kif jirrizulta mill-atti w kien anke baghtilhom rapport imhejji minn Inginier inkarigat minnu. Tul dan il-perijodu naturalment ir-rapprezentanti tal-Enemalta kienu jmorru fil-villa u kien ikollhom access liberu ghall-*meters* u qatt ma gie nnotat xejn jew giet rapportata xi rregolarita’. Jidher li fix xhur ta’ Frar 2003 u Marzu 2003 rega’ kellu xi *failures* fis-sistema tal-elettriku w qalulu li kellu xi *broken jumper* u li kienu sewwewhulu. Jghid li apparti li kienu jmorru l-*meter readers,* kienu jmorru wkoll it-*technicians* tal-Enemalta w qatt ma qalulu xejn. Qal li fid-29 t’Ottubru 2005 kien mar *technician* tal Enemalta sabiex jiehu r-*readings* u qallu li kellu *phase* wiehed maqtugh u li in segwitu’ fetah il-kaxxa w qata’ s-sigilli l-ohra.

Jirrizulta li skond ix-xhieda tal-Enemalta, ghall-hames snin ta’ qabel l-2005, kien hemm *reading* ta’ 170.359 units, kif jirrizulta mid-Dok.

CA1, u ghalhekk dan ifisser li l-*average* ta' kuljum, li skond huma kien qed jinqara fuq zewg *phases* biss, kien ta' 86.521 *units daily* - u dan hu l-*actual reading*. Issa jekk isir ezami fuq dak li gara hames snin wara meta nbidel il-*meter* u kien hemm it-tehid tar-*reading,* din id-darba fuq tliet *phases*, jirrizulta li mis-7 ta' Novembru 2005 sat- 18 ta' Novembru 2008 , (meta kien hemm *peak* ghaliex il-fond kien qed jintuza mill-Island Caterers) ghal 116-il jum il-konsum kien 89870 *units*, u ghalhekk l-*average daily unit* kien ta' 80.529. Jigifieri il-konsum kien inqas minn meta kien qed jirregistra fuq zewg *phases*. Jirrizulta li anke ghas-snin ta' wara, u cioe' ghall-2009 u 2010, il-konsum registrat kien ta' 61.58 fis-26 ta' *units* kuljum. Dan kollu jirrizulta bic-car mid-dokument Z esebit fl-atti. Ghalhekk kif tajjeb osserva l-imputat fix-xhieda tieghu, il-kontenzjoni li t-tielet *phase* ma kienx qed jirregistra, mhix korretta ghaliex il-konsum registrat bi tliet *phases* kien inqas minn meta kien qed jigi registrat b'zewg *phases*.

Dwar il-kwistjoni, jew ahjar l-allegazzjoni li x-*shunt* kien maqlugh, jinghad li dan jista' jinqala' biss una volta jinqatghu l-erba' sigilli, li f'dan il-kaz gew maqtugha mir-rapprezentant tal-Enemalta dakinhar tal-ispezzjoni li saret ghall-gharrieda. L-imputat jichad, bil-gurament tieghu, li huwa qatt baghbas l-arlogg in kwistjoni.

Illi ghalhekk din il-Qorti thoss li l-imputat irnexxielu jeghleb din il-presunzjoni kkrejata taht din d-disposizzjoni tal-Ligi w li ghandha taghti affidament lejn il-provi mressqa minnu.

**Il-Qorti ghalhekk, wara li rat l-Artikoli tal-Ligi w cioe'Artikoli 17, 18, 23, 31, 261(b) (c) (f) , 263, 264 (2), 267, 270, 278 (3), 279 (b), 280(1)(2), 281(a), 283, 370(3)(b)(c), 532A, 532 B u 533 tal-Kapitolu 9, tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara li ma ssibx lill-imputat PIERRE PETER ABELA hati tal-akkuzi addebitati fil-konfront tieghu u konsegwentement tilliberah minn dawn l-akkuzi. Inoltre, stante l-liberazzjoni tal-imputat, il-Qorti qed tichad ukoll it-talba konsegwenzjali tal-Prosekuzzjoni ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------